


IL-PANEL TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

Il-preparatezza

Rapport fil-qosor
L-ewwel sessjoni



Mill-20 sat-22 ta' Marzu 2026

Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura u r-riżultati

Sessjoni promettenti

Kif nistgħu ninvolvu liċ-ċittadini Ewropej kollha? Kif nistgħu nagħtuhom ir-riedni f'idejhom u jkunu ppreparati aħjar għall-kriżijiet? Kif se niżguraw li l-azzjonijiet u l-inizjattivi tal-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza jkunu inklużivi, effettivi u jwieġbu l-ħtiġijiet taċ-ċittadini kollha?

Bis-saħħa ta' inizjattiva li ħadet il-Kummissjoni Ewropea, 150 ċittadin u ċittadina tal-UE, magħżulin bix-xorti b'mod li jirrappreżentaw id-diversità tal-UE, iltaqgħu flimkien fi tliet weekends biex iwieġbu dawn il-mistoqsijiet. Imbagħad fi tmiem is-sessjonijiet, il-parteċipanti tal-Panel ippreżentaw lista ta' rakkomandazzjonijiet biex jikkontribwixxu għall-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza.

L-ewwel sessjoni ta' dan il-Panel taċ-Ċittadini saret fi Brussell bejn l-20 u t-22 ta' Marzu. X'kien l-għan? Din saret biex jinftiehem aħjar it-tipi ta' kriżijiet u jiġu diskussi esperjenzi personali dwarhom. Saret biex jinftiehem aħjar ix-xewqat u t-tħassib, u matulha nsiltu bosta esperjenzi ta' kriżijiet u nġabru f'listi ta' temi prijoritizzati biex id-diskussjoni tidħol fihom f'aktar dettall. Dawn id-diskussjonijiet finalment firxu l-pedamenti biex jittfasslu għadd ta' rakkomandazzjonijiet sinifikattivi, li jħallu impatt u konkreti.



L-ewwel sessjoni: ġurnata b'ġurnata

Jum 1 – il-Plenarja

Nesploraw il-kunċett ta' Preparatezza tal-Popolazzjoni

L-ewwel jum tal-Panel introduċa l-kunċett tal-Preparatezza, xi jfisser, u d- diversi dimensjonijiet relatati miegħu.

Sar diskors tal-ftuħ mill-Kummissarju Ewropea għall-Ugwaljanza, il-Preparatezza u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Hadja Lahbib. Hi spjegat il-kuntest għall-“approċċ tas-soċjetà kollha” li hu ferm importanti għal fidmet il-Kummissjoni fejn tidħol il-preparatezza tal-popolazzjoni u saħqet fuq ir-rilevanza u l-urġenza tal-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza.

Wara dan id-diskors tal-bidu saru testimonjanzi esperti dwar elementi differenti tal-preparatezza, fosthom eżempji ta' każijiet li joħorġu fid-dieher l-interkonnnettività tal-kriżijiet. Dawn ħejjew it-triq biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jitħaddtu fuq l-esperjenzi tagħhom fejn jidħlu l-kriżijiet u l-preparatezza.

Hadja Lahbib, il-Kummissarju Ewropea għall-Ugwaljanza, il-Preparatezza u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet: *“Meta żviluppajna din l-istrateġija [l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza], għarafna li l-preparatezza tista' tinkiseb biss jekk ilkoll niġbdu fabel wieħed bħala soċjetà sħiħa. Dan ifisser li l-preparatezza mhijiex sempliċement ħaġa tal-politiċi jew l-gvernijiet. Intom, iċ-ċittadini Ewropej taqdu rwol importanti biex l-Ewropa tkun ippreparata.”*



Agħfas hawn biex tara l-filmat tas-sessjoni plenarja tal-Ġimgħa

Jum 2 – il-Gruppi ta' ħidma

Xewqat u tħassib dwar il-Preparatezza

Fit-tieni jum tas-sessjoni, 150 ċittadin u ċittadina ltaqgħu fi 12-il grupp ta' ħidma.

Hemm setgħu jaqsmu l-esperjenzi personali tagħhom b'rabta mal-kriżijiet li ltaqgħu magħhom, li ġew affettwati bihom, u li xi drabi ġarrbu.

Imbagħad, dawk l-esperjenzi firxu l-bażi biex jingħarfu x-xewqat u t-tħassib taċ-ċittadini fejn tidħol il-preparatezza.

Wara qsim tal-ideat u tal-fehmiet fid-dettall, il-gruppi ta' ħidma qablu b'mod kollettiv fuq l-aktar ħames xewqat, tħassibiet jew prijoritajiet importanti.

Biex jgħin视角 f'din il-ħidma, iċ-Ċentru tal-Għarfien u l-Infommazzjoni, li jikkonsisti minn membri tal-Kumitat tal-Għarfien u esperti mill-Kummissjoni Ewropea, żar il-kmamar tad-diskussjoni, wieġeb għadd ta' mistoqsijiet u pprova infommazzjoni addizzjonali bil-miktub.

Jum 3 – il-Plenarja

Diskussjoni u riflessjoni

Fit-tielet jum, iċ-ċittadini reġgħu ltaqgħu fil-plenarja.

Persuna minn kull wieħed mit-12-il grupp ta' ħidma kellha l-opportunità taqsam l-aktar xewqat u tħassibiet sinifikanti msemmija mill-grupp ta' ħidma tagħha. Apparti oħrajn, saru appelli: għal trasparenza mill-awtoritajiet biex tinkiseb il-fiduċja u jiġu miġġielda l-miżinfommazzjoni u d-dizinfommazzjoni, għal tħassib mill-ġdid tas-sistema edukattiva ħalli tkun tinkludi taħriġ dwar il-preparatezza, u għal tħassib u tħaddim tas-solidarjetà lokali fi żminijiet ta' kriżi.

Erba' membri tal-Kumitat tal-Għarfien qasmu għarfien addizzjonali skont il-preżentazzjonijiet, u wrew ir-rikonoxximent u l-apprezzament tagħhom għall-ħidma tal-parteċipanti favur rakkomandazzjonijiet kostruttivi.

Il-parteċipanta Andrey mill-Bulgarija: *"Din l-esperjenza se nibqa' niftakarha ħajti kollha!"*

L-esperta Alina Bârgăoanu, mill-Università Nazzjonali tal-Istudji Poliċi u l-Amministrazzjoni Pubbliċi: *"Il-kriżi li jmiss ma tibdiex mill-bidu nett. Tibda mill-ġrieħi li tħalli l-kriżi ta' qabilha."*

Il-parteċipanta Martina mill-Ġermanja: *"Il-mod kif inħarsu lejn il-preparatezza hu mmexxi minn ħames prinċipji ewlenin: it-trasparenza, l-inklużjoni, is-sigurtà, il-bilanċ, u l-fiduċja. Jekk inwettquhom sew, nistgħu noħolqu sistema li n-nies mhux biss jistrieħu fuqha, iżda anki jemmu fiha."*



Agħfas hawn biex tara l-filmat tas-sessjoni plenarja tal-ħadd

Interventi esperti waqt is-sessjoni

Jeanette Serritzlev, Analista Militari fir-Royal Danish Defence College

Sébastien Français, il-Kap tal-Unità għall-Preparatezza u r-Rispons f'Każ ta' Emerġenza, id-Direttorat tas-Saħħa tal-Lussemburgu

Christina Andersson, strateġista tal-Komunikazzjoni dwar ir-Riskju, l-Aġenzija Żvediża għad-Difiża Ċivili u r-Reżiljenza

Claudia Schedlich mill-Uffiċċju Federali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Assistenza f'Każ ta' Diżastru, il-Ġermanja

Alina Bârgăoanu, Professur fl-Università Nazzjonali tal-Istudji Politiċi u l-Amministrazzjoni Pubblika, ir-Rumanija

María Martín de Almagro, Professur tar-Riċerka fid-Dipartiment tal-Istudji dwar il-Kunflitti u l-Iżvilupp, l-Università ta' Ghent

Gordon Rattray mill-Alleanza Internazzjonali tad-Diżabbiltà

José Segarra, xjentist ambjentali u inġinier ċivili, membru tal-Bord tal-Missjoni tal-Adattament għat-Tibdil fil-Klima

Miriam Alba Reina, Uffiċjal għall-Ġestjoni tad-Diżastri, is-Salib l-Aħmar tal-UE

Nathan Clark, Assistent Professur fid-Dipartiment tax-Xjenzi tal-Organizzazzjoni, l-Università ta' Vrije Amsterdam

Adrian Bucalowski, Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, il-Kwartieri Ġenerali Nazzjonali tas-Servizz Statali tat-Tifi tan-Nar tal-Polonja

Ftakar: l-objettivi tat-tliet sessjonijiet

L-ewwel sessjoni: 20-22 Marzu

- Jinkiseb għarfien komuni dwar il-preparatezza tal-popolazzjoni u l-iskop tal-Panel taċ-Ċittadini
- Jiġu diskussi esperjenzi personali li minnhom jinsiltu xewqat u tħassib
- Li t-temi tal-ħidma futura jitfasslu b'mod li jagħtu prijorità lir-rakkomandazzjonijiet

It-tieni sessjoni: 24-26 April

- Abbażi tal-ħidma tal-ewwel sessjoni jiġu mistħarrġa d-dilemmi tat-temi prijoritizzati u l-punti ta' azzjoni relatati tal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza
- Jinkisbu l-fehmiet ta' esperti u riċerkaturi
- Tissokta l-ħidma fi gruppi biex jibdeu jissawru r-rakkomandazzjonijiet

It-tielet sessjoni: 22-24 Mejju

- L-ideat ikomplu jitlaħħmu u jissarrfu f'rakkomandazzjonijiet bl-għajnuna ta' faċilitaturi u esperti tal-esperjenza
- Jiġu analizzati r-rakkomandazzjonijiet u ssir votazzjoni
- Ir-rakkomandazzjonijiet jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni Ewropea

Żur il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini